MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tat-8 ta' April, 2010

Talba Numru. 842/2009

**GO plc – C22334**

**vs**

**Emanuela Cutajar – I.D. 478166[M]**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Ottubru tas-sena 2009 fejn intalab sabiex il-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€252.85c) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz tat-*telephone* bin-numri 21 31 43 97, 21 37 89 20 u 21 38 38 68 skont kont numru 400 16335 bl-imghax u bl-ispejjez.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici, u lanqas ma dehret meta giet imsejha kemm fis-seduta odjerna u kif ukoll dik precedenti.

Ra d-dokumenti esebiti ma' l-istess avviz immarkati bhala Dok "A", "B", "C", "D" u "E". Sema' lil Dr. Keith Grech jiddikjara sollennement illi l-ammont kien ghadu dovut peress illi ma kien sar l-ebda pagament.

Ra illi meta l-konvenuta regghet giet imsejha hija baqghet ma dehritx u wisq anqas ikkontestat it-talba attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Emanuela Cutajar sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta' mitejn u tnejn u hamsin ewro u hamsa u tmenin centezmu (€252.85c) bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kif mitluba a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------